MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 326/2014

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li b'digriet tas-6 ta' Novembru 2009 gew mahtura bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredità gjacenti ta' Joseph Meilak, u Benedetta Meilak bhala amministrattrici tal-beni parafernali taghha**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin datati, wiehed minnhom 19 ta' Gunju 1991 (Dok. "A") u l-iehor 8 ta' Marzu 1994 (Dok. "B"), is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Joseph Meilak;

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici tal-intimati fis-somma ta' erbghin elf, mija u hdax-il Ewro u disgha u tmenin centezmu (€40,111.89) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" tal-eredità ta' Joseph Meilak u Benedetta Meilak mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C9") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-18 ta' Marzu 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi permezz ta' kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin datat 8 ta' Marzu 1994 (Dok. "B"), il-konvenuta Benedetta Meilak bhala amministratici tal-beni parafernali taghha iggarantiet flimkien u "*in solidum*" ma' Joseph Meilak a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-eredità ta' Joseph Meilak u Benedetta Meilak mal-Bank of Valletta p.l.c.;

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficcjali datata 12 ta' Ottubru 2009 li kopja taghha qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok. "D", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda

dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti tikkundanna:

1. Lill-konvenuti jhallsu flimkien u "*in solidum*" bejniethom lis-socjetà attrici is-somma ta' erbghin elf, mija u hdax-il Ewro u disgha u tmenin centezmu (€40,111.89) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" tal-eredità ta' Joseph Meilak u Benedetta Meilak mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. "C1 sa C9") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-18 ta' Marzu 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Ottubru 2009 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li in forza taghha gie eccepit illi:

a. L-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivate kif, jekk u meta l-esponenti jigu edotti bil-fatti.

b. Salv, risposta ulterjuri.

Rat li, Benedetta Meilak ghalkemm debitament notifikata, baqghet ma wegbitx ghall-kawza.

Semghet lix-xhud Rose Cortis.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-intimata Benedetta Meilak.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi ghandu jigi enfasizzat f'dan l-istadju illi l-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati dejjem irriteniet illi l-kontumacja m'hija qatt meqjusa bhala ammissjoni tat-talbiet, izda jibqa' dejjem jinkombi fuq l-attur li jipprova li t-talbiet tieghu huma fondati u b'hekk jisthoqqilhom li jintlaqghu.

Dan premess, jirrizulta f'din il-kawza li l-Bank rikorrenti irnexxielu jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li t-talba tieghu hija fondata. L-intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ssostni li galadarba d-dejn huwa a karigu tal-komunjoni tal-akkwisti hija tista' tigi mharrka biex taghmel tajjeb bi hwejjigha parafernali biss sussidjarjament jekk ikun gie kostatat li l-komunjoni tal-akkwisti ma tissodisfax id-debiti. Din il-Qorti ma taqbilx. F'dawn il-proceduri Benedetta Meilak qeghda tigi mharrka bhala garanti tad-dejn ta' zewgha, liema garanzija hija tat permezz kuntratt minnha ffirmat fit-8 ta' Marzu 1994 u li fih hija ddikjarat li kienet qed taghmel tajjeb ghad-debitu ta' zewgha bil-proprjetà taghha kollha.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-kuraturi deputati, fil-kontumacja ta’ Benedetta Meilak, tilqa’ t-talba ta’ Bank of Valletta p.l.c. kif dedotta, bl-ispejjez u l-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------